MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2007

Appell Kriminali Numru. 97/2007

Appell Nru. 97/07

Il-Pulizija
(Spt. N. Ciappara)

Vs

Simeon Sultana

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli f’dawn il-Gzejjer bejn Dicembru 1995 u Frar 1996 :
1. biegh jew xort’ohra ittraffika l-pjanta kollha jew bicca minnha kif ukoll ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza w dan bi ksur ta’ l-artikolu 8(b) u (e) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha kif ukoll ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza w dan bi ksur ta' l-artikolu 8(a) u (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fis-6 ta' Lulju 1996 u matul il-granet ta' qabel din id-data kkonsenja medicina ristretta w psikotropika LSD lil xi persuna jew persuni ohra li ma kienx spizjar diligenti, jew ma kienx xort'ohra awtorizzat bil-mod xieraq biex ikollu fil-pussess tieghu, bi ksur tar-regolamenti 11(2) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u l-artikoli 40(a) u 120(A) u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendat;
4. kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta w psikotropika (ecstasy u LSD) meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tal-Regolament 3 (1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u l-artikoli 40(A) u 120(A) u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta w l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Marzu, 2007, li biha wara li rat l-artikoli 8(a), (b), (d), (e), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap. 101, sabet lill-appellat hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni kif dedotti kontrih u kkundannatu ghal hlas ta' multa ta' tliet mitt lira Maltija (LM300) li tista' tithallas b'rata ta' LM100 kull erba' gimghat bl-ewwel pagament isir mhux aktar tard minn erba' gimghat. Jekk ma jithallasx xi pagament, il-bilanc ikun dovut kollu f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma tithallasx din tinbidel f'jum prigunerija ghal kull LM5 mhux imhallsa w wara li rat l-artikolu 120A(2), 120A(2D) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ddikjarat li mhix kompetenti biex tiddecidi t-tielet u r-raba' imputazzjoni minhabba li fil-process ma sabitx l-Ordni ta' l-Avukat Generali dwar dawn iz-zewg imputazzjonijiet.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-14 ta' Marzu, 2007, li bih talab lil din il-Qorti

joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta' htija fuq l-akkuzi (a) u (b) izda tirrevoka l-liberazzjoni mill-akkuzi (c) u (d) u minflok ssib il-htija fuq l-akkuzi kollha w tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali jikkonsisti fis-segwenti :- li l-Ewwel Qorti minnflok issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza biex isiru l-verifiki dwar in-nuqqas tal-kunsens tal-Avukat Generali ghall-akkuzi skond il-Kap.31, iddikjarat in-nuqqas ta' prova w illiberat. L-Ispettur Norbert Ciappara jista' jikkonferma bil-gurament li ottjena w esebixxa zewg kunsensi necessarji mill-Avukat Generali u ghalhekk il-prosekuzzjoni ma kellhiex tigi penalizzata ghal xi nuqqas li talvolta seta' kien ta' haddiehor. Il-kunsens tal-Avukat Generali kien inghata fit-3 ta' Frar, 1998 u ghalhekk il-liberazzjoni mill-akkuzi ( c ) u (d) kienet skorretta.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Rat il-verbal tat-13 t' April, 2007, li bih Dr. Anthony Barbara ghall-Prosekuzzjoni talab li jixhed l-Ispettur Norbert Ciappara biex jikkonferma li fil-fatt hu kien ottjena il-kunsensi necessarji mill-Avukat Generali w li pprezenta l-istess kunsensi fl-atti ta' dawn il-proceduri.

Rat il-verbal li bih Dr. Emmanuel Mallia ghall-appellat oppona din it-talba fl-ewwel lok minhabba l-principju li dak li mhux fl-atti mhux fid-dinja w fit-tieni lok ghax mhux gust li din il-Qorti tintalab li taghmel inkjesta fuq x' suppost jigri fir-Registru meta l-prosekuzzjoni kellha hames snin biex tivverifika dan;

Semghet it-trattazzjoni ;

Rat id-Digriet Taghha li bih iddifferiet il-kawza ghall-21 ta' Gunju, 2007, ghall-provvediment jew sentenza;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-25 ta' Mejju, 2007 ghall-provvediment;

Rat id-decizjoni taghha tal-istess data li biha iddecidiet li tisma x-xiehda tal-Ispettur Nortbert Ciappara dwar ic-cirkostanzili akkompanjaw il-prezentatatac-citazzjoni bid-dokumenti annessi maghha fir-registru tal-Qorti tal-Magistrati wara li kkonsidrat is-segwenti :

Illi l-appellat kien gie akkuzat b' citazzjoni li ggib id-data tal-10 ta' Gunju, 2002 (Fol. 1) b' erba imputazzjonijiet. L-ewwel zewg imputazzjonijiet (a) u (b) kienu jirrigwardaw il-biegh u traffikar tal-pjanta cannabis u pussess tal-istess rispettivament. It-tieni zewg imputazzjonijiet ( c ) u (d) kienu jirrigwardaw il-kunsinna ta' LSD u pussess tal-istess rispettivament. Mill-atti processwali jidher li a fol. 6 hemm il-kunsens tal-Avukat Generali iffirmat minn Dr. Anthony Borg Barthet u datat 3 ta' Frar, 1998, mahrug taht l-artikolu 22 (2) tal-Kap.101, li ovvjament jirriferi biss ghall-ewwel zewg imputazzjonijiet li jaqghu taht dan il-Kapitolu.

Fl-ewwel seduta quddiem il-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Lawrence Quintano li saret kwazi hdax il-xahar wara li giet prezentata c-citazzjoni, gie verbalizzat li d-difiza kienet qed tiehu c-*charge sheet* bhala moqrija w allura prezumibbilment la inqrat l-akkuza mill-Ispettur Ciappara, ghalkemm gie verbalizzat li hu pprezenta, qara w ikkonferma w halef l-istess *charge sheet*. Gie ukoll verbalizzat li l-istess Spettur Ciappara pprezenta l-istqarrija tal-imputat (Dok. NC1). Xehdet Irene Fenech umbaghad ix-xiehda taghha giet sospiza peress li ried jigi rintraccat il-process "Il-Pulizija vs. Fenech Irene".

Umbaghad f' seduti sussegwenti komplew jingabru x-xhieda w l-provi tal-prosekuzzjoni. Imkien ma jidher esebit il-kunsens tal-Avukat Generali rigwardanti imputazzjonijiet li jaqghu taht il-Kap.31 tal-Ligijiet ta' Malta. Fl-udjenza tat-18 t' Ottubru, 2006, xehed l-appellat u d-difiza ddikjarat li ghalqet il-provi w l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-2 ta' Marzu, 2007. (Fol. 101).

Fis-sentenza tat-2 ta' Marzu, 2007, l-Ewwel Qorti, wara li ghaddiet in rassenja l-provi kollha tal-prosekuzzjoni w tad-difiza w wara li qalet li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel u t-tieni imputazzjoni, qalet testwalment hekk :-

"Dwar l-imputazzjonijiet ( c ) u (d) dawn jaqghu taht il-Kap.31 u skond l-artikolu 120A(2D) u l-artikolu 120A(2) persuna li trid tirrispondi ghal xi offiza taht l-Ordinanza ghandha titressaq jew quddiem il-Qorti Kriminali jew il-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) skond l-Ordni ta' l-avukat Generali"
*"Il-Qorti ghamlet tfittxija akkurata ghal din l-Ordni izda ma sabithiex fil-process u ghalhekk qed tiddikjara li mhix kompetenti biex tiddeciedi l-ahhar zewg imputazzjonijiet ."…….*

*…"Wara li rat l-artikolu 120A (2), 120A (2D) tal-Kap.31 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tiddikjara li mhix kompetenti biex tiddecidiehom minnhabba li fil-process ma sabitx l-Ordni ta' l-Avukat Generali dwar dawn iz-zewg imputazzjonijiet."*

Ikkonsidrat;

Illi minghajr pregudizzju ghall-kwistjoni jekk l-Ewwel Qorti ddecidietx sew jew le meta ddikjarat ruha inkompetenti li tiggudika lill-appellat fuq it-tielet u r-raba imputazzjoni, ladarba issa qed jigi allegat ghall-ewwel darba mill-prosekuzzjoni li fil-fatt l-Ispettur Ciappara mac-citazzjoni kien esebixxa ukoll kunsens ta' l-Avukat Generali fir-rigward ta' dawn l-ahhar zewg imputazzjonijiet mahrug skond l-artikolu 102A (2) u (2D) u peress li jidher li l-Ewwel Qorti, meta giet biex taghti s-sentenza appellata w x' aktarx intebhet ghall-ewwel darba b' din il-mankanza, ma gibditx l-attenzjoni tal-partijiet ghal din il-mankanza fl-atti w l-partijiet ghalhekk ma kellhomx l-opportunita' li jittrattaw fuq dan il-punt u ghalhekk jista' jaghti l-kaz li kien hemm xi ksur procedurali, din il-Qorti rat li qabel tiehu xi decizjoni fir-rigward kien mhux biss utili imma addirittura importantissimu li tara jekk l-allegazzjoni tal-prosekuzzjoini hix fondata jew le bhala fatt.

Ghaldaqstant pprovdiet billi laqghet t-talba tal-prosekuzzjoni biex jixhed l-Ispettur Norbert Ciappara dwar l-esebizzjoni o meno tal-kunsensi ta' l-Avukat Generali fir-Registru tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) qabel ma tghaddi biex taghti s-sentenza finali f' dan l-appell u ghalhekk ordnat lill-istess Spettur li jiddeponi fl-udjenza tal-25 ta' Mejju, 2007;

Semghet ix-xiehda tal-istess Spettur Norbert Ciappara fl-istess udjenza;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-25 ta' Mejju, 2007 li biha esebixxa il-kopja tal-kunsens tal-Avukat Generali datat 3 ta' Frar, 1998 (dok. K);

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza definittiva;

Ikkonsidrat;

Illi l-**Ispettur Ciappara** ikkonferma bil-gurament li hu kien ottjena il-kunsens tal-Avukat Generali biex jipprocedi kontra l-appellat kemm ghal reati li jaqghu taht il-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll ghar-reati li jaqghu taht il-Kap.31 . Di fatti aktar tard fl-istess jum huwa pprezenta b' nota il-kopja tal-istess kunsens iffirmata mill-allura Avukat Generali, Dr. Anthony Borg Barthet u li jgib id-data ( bhal dak gja esebit fil-process rigwardanti r-reati tal-Kap. 101,) tat-3 ta' Frar, 1998. Huwa spjega li il-procedura li hu dejjem juza hi li jannetti kopja tal-kunsens tal-Avukat Generali u jzomm kopja taghha hu fil-*file* u li dik li kien ser jesebixxi kienet proprju l-kopja li hu kien zamm fil-*police file*. Sa fejn seta' jiftakar hu kien ipprezenta iz-zewg kunsensi meta pprezenta c-citazzjoni flimkien mac-certifikat tat-twelid tal-appellat u tal-fedina penali tieghu. Ma setax jispjega ghala pero' kien hemm kunsens wiehed fil-file u mhux l-iehor ukoll. Pressat mill-Qorti jekk setghax jghid b'certezza assoluta li hu kien fil-fatt esebixxa dal-kunsens, seta' jghid biss *"Ma ghandix dubju li ma pprezentajthiex."* u seta' biss jghid li sa fejn jiftakar hu kien ipprezentah. L-ewwel darba li ntebah li ma kienx fil-*file* kien meta qara s-sentenza appellata.

Ikkonsidrat;

Illi gie jew ma giex fil-fattipprezentat it-tieni kunsens ta’ l-Avukat Generali fir-Registru tal-Qorti tal-Magistrati flimkien mac-citazzjoni u d-dokumentiu l-ohra li jinsabu fil-process, hemm diffikultajiet ta’ natura legali li ma gewx solvuti bis-soluzzjoni li sabet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata pero’.

Illi fil-fehma ta’ din il-Qorti, meta l-Ewwel Qorti tardivament, u biss meta giet biex taghti s-sentenza, ntebhet li kien hemm il-kunsens ta’ l-Avukat Generali dwar ir-reati li jaqghu taht il-Kap. 31 nieqes, kien fl-ewwel lok imissha ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza w attirat l-attenzjoni tal-partijiet ghal dan in-nuqqas biex taghtihom l-opportunita’ biex jittrattaw u jaghmlu kull sottomissjoni fir-rigward w okkorrendo, kif ghamlet din il-Qorti, taghmel xi verifiki li jidhrilha opportuni. Bil-fatt li agixxiet kif agixxiet, l-Ewwel Qorti ssorprendiet - jekk mhux liz-zewg partijiet - zgur lill-Prosekuzzjoni.

Dan fil-fehma ta’ din il-Qorti wahdu jammonta ghall-nuqqas ta’ formalita’ sostanzjali procedurali serju li ghandu jwassal ghan-nullita’ tas-sentenza.

Pero’ apparti dan, hemm nuqqas procedurali ferm aktar serju. Kieku l-Ewwel Qorti meta’ gie l-process f’ idejha ghall-ewwel darba mill-awla ta’ Magistrat iehor (li sadattant kien gie elevat ghall-bank tal-gudikatura) ezaminat l-atti bir-reqqa - u s’ hawn il-process kien jikkonsisti biss f’ seba’ pagni - kienet zgur tinduna li kien hemm l-ewwel zewg akkuzi li jaqghu taht il-Kap.101 tal-Ligijiet ta’ Malta w it-tielet u r-raba akkuza li jaqghu taht il-Kap.31. Kienet ukoll allura suppost tintebah mill-ewwel li kien hemm biss il-kunsens tal-Avukat Generali biex l-appellat jigi processat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ghall-ewwel zewg reati u li tali kunsens ma kienx allura jezisti ghaz-zewg reati l-ohra. U ladarba dan il-kunsens ma kienx ghar-reati kollha l-Ewwel Qorti kien jew imissha talbet minnufieh kjarifika minnghand l-Avukat Generali a tempo

debito dwar x’ ser tkun il-pozizzjoni jew addirittura tipprocedi mhux bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, kif ghamlet, imma biss bhala Qorti Istruttorja, ladarba fuq l-ahhar zewg akkuzi ma kellhiex il-kunsens. Minnflok l-Ewwel Qorti, ovvjament injara min-nuqqas tal-kunsens tal-Avukat Generali fuq it-tielet u r-raba imputazzjoni, pprocediet bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali w semghet il-provi mhux biss fuq l-ewwel zewg akkuzi izda ukoll fuq l-akkuzi l-ohra li hi strettament ma kienetx kompetenti li tiggudika hija stess.

Issa l-process kien u jibqa’ wiehed u l-Ewwel Qorti ma setghetx tittratta zewg akkuzi bi procedura wahda u zewg akkuzi ohra bi procedura ohra. Hu risaput li fejn ikun hemm diversi imputazzjonijiet li uhud minnhom ikunu jezorbitaw il-kompetenza ordinarja tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, kif delineata fl-artikolu 370(1) u (2) tal-Kodici Kriminali, tkun trid issir il-kumpilazzjoni, (art. 389 tal-Kodici Kriminali) hlief f’ dawk il-kazijiet fejn l-Avukat Generali jaghti l-kunsens tieghu biex il-kaz jinstemgha bil-procedura sommarja w fejn l-akkuzat jiddikjara li ma jsibx oggezzjoni ghal dan. (art. 370 (4) (a) (b) u (5).) Hemm umbaghad dawk il-kazijiet li jaqghu taht is-subinciz (3) tal-art. 370 fejn, wara li l-Avukat Generali jibghat l-atti lura lil Qorti tal-Magistrati sabiex l-akkuzat ikun iggudikat minn dik il-Qorti w l-akkuzat innifsu jiddikjara li ma jsibx oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz minn dik il-qorti bi procedura sommarja w fejn allura f’ dak l-istadju l-Qorti tal-Magistrati tittrasforma ruha minn wahda Istuttorja ghal wahda ta’ Gudikatura Kriminali w ssir kompetenti li tiggudika l-kaz hi.

Dan il-kaz ma kien jaqa’ taht ebda wiehed minn dawn iz-zewg proceduri stipulati fil-ligi w minghajr hadd ma nduna w minghajr hadd ma ta kaz, tmexxa quddiem il-Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, meta suppost li kienet qed tinstema’ kumpilazzjoni mill-Qorti Istruttorja.

Anki hawn ghalhekk hemm nuqqas ta’ formalita’ sostanzjali li tirrendi l-procedura kollha addottata fil-kawza nulla w irritwali w dan ma setax jigi sanat bid-decizzjoni xejn ortodossa tal-Ewwel Qorti li fl-ahhar tal-

kawza tillibera minn zewg imputazzjonijiet ghax ma kienetx kompetenti li tiggudikhom. Proprjament l-Ewwel Qorti ma kienet kompetenti li tiddeciedi xejn bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali w jmissha wara li pprocediet bhala Qorti Istruttorja, baghtet l-atti lill-Avukat Generali biex l-akkuzat jitqieghed taht att t’ akkuza.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell ta’ l-Avukat Generali billi tannulla s-sentenza appellata kif ukoll tiddikjara nulli l-proceduri kollha mehuda mill-Ewwel Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali w tirrimetti l-process lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u tordna li l-appellat jerga’ jitqieghed fl-istat li kien wara n-notifika tac-citazzjoni lilu w qabel ma inqrat lilu l-akkuza w qabel ma jkun sar l-ezami tal-akkuzat skond il-ligi (art. 390 (1) tal-Kodici Kriminali) jew qabel ma l-akkuzat iwiegeb jekk hux hati jew mhux hati, skond il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------